MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 331/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo**
**Spettur Silvio Valletta)**

**Vs**

**JAMAL MUFTAH SALEM BELKHEIR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Jamal Muftah Salem Belkheir ta' 31 sena iben Muftah u Salem xebba Shati, mwieled Libya nhar 13 ta' Frar 1974 u residenti F/1 No. 55 Triq il-Palma, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta' l-identita 19809 A, li gie akkuzat talli fil-Qawra, nhar it-30 ta' Marzu, 2005, f'xi hin bejn 6 ta' filghaxija u

8.45 ta' filghaxija, kkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAT 308 tal-marka Escort, kif ukoll diversi oggetti li kienu fiha liema serq hu kwalifikat, bil-hin, bil-mezz, xorta tal-haga misruq u valur li jaccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment ta' Alfred Xerri minn San Pawl il-Bahar;
U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn 13 ta' April 2005 u l-jiem ta' qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAT 308, liema ammont ta' hsara ma kienx jiskorri Lm 500
(hames mitt lira), imma kien izjed minn Lm 50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' Alfred Xerri minn San Pawl il-Bahar;
U finalment talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tieghu;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni;

Issibu hati;

Rat l-art. 261 (f) (b) (g) (c), 263, 267, 270, 271 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 281, 49, 50, 325 (a) u 17 (b) tal-Kap 9 u wara li qieset l-eta' ta' l-imputat, il-fatt li ammetta u li kkopera mal-Pulizija, tikkundannah ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija;

Tirrileva finalment li la l-imputat ibati b'abbuz mid-drogi, tordna lill-Kap tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex wara li l-hati jkun ezaminat skond il-Ligi tigi wkoll indirizzata r-rekuperazzjoni socjali tieghu billi jkun indirizzat ghall-aktar kura idonea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------